# Il-Binja Parrokkjali Kalkariża

Kav. Duncan Brincat B.Com. (Hons.), OBSS

Il-proġett għal knisja ġdida fil-Kalkara ngħata bidu fl-1884, meta Dun Ġużepp Azzopardi rċieva l-kuntratt u d-dokumenti kollha meħtieġa mingħand in-Nutar Rossi. Huwa qabbad lill-arkitett u nġinier Guglielmo Attard għad-disinn tal-Knisja l-ġdida, u l-art fejn din kellha tinbena ngħatat b'xejn mis-Sur Fortunato Gulia. Bħala radd ta' ħajr għal dan il-ġest, u kif kien imniżżel fil-kuntratt oriġinali, matul il-proġett tal-bini tal-Knisja, ġiet imħaffra ċisterna għal Gulia bl-istess flus li kienu imħollija għall-proġett. Għand l-istess Nutar Rossi, saret dispensa għal ċimiterju fl-istess inħawi tal-Kalkara.

Il-ħajja komunitarja fil-Kalkara bdiet tistagħna maż-żmien. Għaldaqstant, bdew isiru xi attivitajiet sabiex jinġabru fondi meħtieġa għall-bini tal-Knisja. Fost l-oħrajn, fl-1884, ġie mikri speċi ta' tejatrin mingħand ċertu Sur Spinocchio. Dan it-tejatrin kien jintuża għal diversi attivitajiet, fosthom anki xi reċti żgħar. Matul l-istess żmien, dokumenti misjuba jagħtuna ħjiel li kienet titqaddes xi quddiesa fl-inħawi tal-Kalkara minħabba li kien inxtara xi inċens. Probabilment, dik kienet issir fil-Kappella tas-Salvatur, fl-inħawi magħrufa bħala ta' Bighi.




Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-Knisja l-ġdida beda bikri fis-sena 1895. Għaldaqstant insibu li fl-1894 kienu nxtraw xi 24 kuffja, u f'Jannar tal-1895 ngħata bidu għall-ewwel mandat ta' xogħol. Ħjiel ta' dan insibuh fil-fatt li fis-17 ta' Jannar 1885 tħallsu għall-ewwel darba l-ħaddiema. Fl-10 ta' Jannar tal-istess sena, inbena ħajt viċin fejn kellha titla' l-Knisja, u f'dokumenti oħra misjuba jingħata ħjiel li kienu qed jinġiebu xi vjaġġi tal-ġebel mill-inħawi ta' Bormla.

Fis-6 ta' Ġunju 1885 beda t-tnax-il mandat ta' xogħol li matulu sar kuntratt ieħor, din id-darba għand in-Nutar Micallef, filwaqt li sa tmiem l-1885 kienu diġà saru 31 mandat ta' xogħol.

Fid-19 ta' Frar 1887 beda x-xogħol fuq il-pedamenti mill-aħwa Bonavia, u filwaqt li fil-5 ta' Marzu 1887 beda s-56 mandat ta' xogħol, għall-ewwel darba sar l-ewwel mandat għax-xogħol tal-bennejja li bdew jibnu l-ħitan meħtieġa tal-pedamenti. Sadanittant ix-xogħol beda miexi ġmielu tant li n-numru ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol ta' dan il-proġett beda dejjem jiżdied. Il-bini kollu ta' din il-Knisja tħalla f'idejn il-bennejja ta' F. Cilia & Co., kuntratturi Żebbuġin, li aktar tard fi tmiem il-proġett tal-bini ta' din il-Knisja, irregalaw pittura ta' San Filep t'Aġġira xogħol il-pittur Żebbuġi Lazzaro Pisani.

Iżda barra n-numru ta' ħaddiema, beda jikber ukoll l-interess fost il-Kalkariżi, barra l-ansjetà sabiex jaraw din il-Knisja lesta. Għaldaqstant, fis-16 t'April 1887 kienu nxtraw xi mwejjed sabiex fuqhom jitpoġġew il-mudelli ta' din l-istess Knisja. Ma' kull mandat ta' bennejja, kienu jinġiebu wkoll numru mdaqqas ta' ġebel sabiex b'hekk il-pedamenti bdew tilgħin ukoll. Tant kien beda jieħu ċertu ritmu x-xogħol, li xi drabi kellu jingħata wkoll il-kollazjon lill-ħaddiema minħabba s-siegħat twal ta' xogħol li kienu qed jaħdmu. Fil-11 ta' Mejju 1890 ġiet ikkumnikata s-sistema sħiħa tal-ilma għal din il-Knisja.

Wasal il-jum tant mistenni mill-Kalkariżi. Fit-22 ta' Ġunju 1890 tpoġġiet u tbierket l-ewwel ġebla ta' din il-Knisja l-ġdida. Għall-okkażjoni wasal l-Isqof fuq karrozza apposta u ġie milqugħ b'ferħ kbir mill-poplu kollu preżenti. Ġie armat tronett biex fuqu joqgħod bilqegħda l-istess Isqof u għal din l-istess okkażjoni nxtegħlu t-toroq bil-gass minn ċertu wieħed Cordina. Ma naqsitx ukoll il-preżenza tal-banda mistiedna u trattament dehen lil dawk kollha preżenti. Żgur iżda li l-luminazzjoni tat-toroq kienet waħda imponenti, tant li l-ispiża għaliha kienet waħda relattivament kbira. L-arja ta' festa kompliet tiżdied permezz ta' xi murtali li nħarqu mid-dilettanti Kalkariżi. Tant hu hekk li nsibu li ġie mħallas xi "*polvere da sparo*" għall-istess għan.

Madankollu, ix-xogħol issa ried jitkompla, aktar u aktar wara li l-ħeġġa tal-poplu Kalkariż kienet kibret bil-bosta. Kien imiss l-94 mandat ta' xogħol, fejn sal-11 t'Ottubru 1890 kienet tlestiet is-sagristija u nxtraw xi serraturi meħtieġa. Tul l-1891 bdew jinħadmu xi aperturi tal-injam, filwaqt li fi Frar tal-1892 saret iċ-ċisterna tas-Sur Fortunato Gulia, hekk kif kien imniżżel fil-kuntratt. F'April inbena



Dehra panoramika tal-Kalkara fis-snin tletin.
Fl-isfond tidher il-Knisja Parrokkjali l-antika fi Triq ir-Rnella.

ħajt madwara, filwaqt li fil-21 ta' Mejju 1892 inxtara xi żonqor biex jintuża fil-bini, probabilment bħala twittiegħ tal-art. Sadanittant, f'Ottubru tal-istess sena nxtaw xi travi għas-sagrestija mingħand ċertu wieħed Gauci, filwaqt li bejn Jannar u Settembru 1893 sar xi qtugħ ta' blat minn wara l-Knisja minn ċertu Angelo u ibnu.

Bejn l-1892 u l-1893 tfaċċa benefattur ieħor għal din il-Knisja li ta ammont sostanzjali ta' flus sabiex din tkun tista' titlesta fi żmien qasir. Dan il-benefattur kien il-Kavallier Carmelo Bugeja. Iżda barra dan kien hemm diversi oħrajn li matul is-snin ħadmu kemm felħu biex jiġbru u jagħtu donazzjonijiet b'riżq il-bini u l-opri ta' din il-Knisja. Fost dawn il-persuni nsibu lil Vincenzo Borda li kien jiġbor xi flus mingħand in-nies, u lis-Sur Gio. Batta Borda. Dan tal-aħħar kien ikkontribwixxa £100 fi flus li tahom lill-ewwel Kappillan, li dan min-naħa tiegħu tahom lil Dun Ġużepp Azzopardi li kien qed jieħu ħsieb it-twaqqif tal-artal il-maġġur ta' din il-Knisja. Xi persuni oħra li kkontribwew għal xi opri lejn tmiem is-seklu 19 kienu s-Sur Antonio Bezzina li ħareġ il-flus biex twaqqaf l-artal tal-kappellun iddedikat lill-Madonna ta' Pompeii, is-Sur Vincenzo Borda li kkontribwixxa xi flus għall-artal ta' San Vinċenz, u s-Sur Tousants De Maria li kkontribwixxa xi flus għall-formazzjoni tal-artal ta' San Franġisk.

Iżda minbarra dawn il-kontributuri, kien hemm dħul ieħor li kien ukoll importanti għall-bini ta' din il-Knisja. Dan kien il-qliegħ minn xi reċti li kienu jsiru fit-"*Teatrino San Giuseppe*", reċti li barra li kienu jservu ta' dħul finanzjarju, kienu jservu wkoll bħala attività soċjali fil-binja ta' komunità parrokkjali ġdida.

Fi Frar 1894 saru xi tavolini mingħand V. Seguna u fis-16 t'April 1894 saru xi mwejjed din id-darba mingħand ċertu wieħed Vella. Ix-xogħol finali issa kien beda, tant li fit-3 t'Awissu 1895 telstew l-bibien tal-Knisja, xogħol Giuseppe Gonzi, skultur u mastrudaxxa abbli ħafna. Fl-istess żmien saru wkoll xi mwejjed oħra għand Seguna.

Fl-1895 ix-xogħol tal-bini kien lest u għalhekk fl-1896 bdiet tiġi arredata l-Knisja. Reġgħu saru xi mwejjed oħra din id-darba għas-sagristija għand ċertu wieħed Barbara, u f'Lulju sar ix-xogħol fuq l-ossatierja tal-artal maġġur għand Filippo Cilia. F'Settembru tal-1896 saret il-lapida tal-artal il-maġġur u anki xi affarijiet oħra tal-irħam. Barra minn hekk, matul l-istess xahar ġiet irranġata l-faċċata tal-kor tal-Knisja fejn aktar tard kellu jitwaħħal kwadru titulari juri lil San Ġużepp Patrun tal-Knisja Universali.

Bl-istess mod ġew irranġati l-faċċati tal-kappelluni, li aktar tard kellhom jiġu ddedikati lil Sidtna Marija Immakulata (dak tax-xellug) u Sidtna Marija tar-Rużarju ta' Pompeii (dak tal-lemin), kif ukoll sar xi xogħol ieħor fuq il-kursija tal-Knisja. Filfatt ġew imqabbda xi bajjada sabiex ibajdu xi partijiet tal-Knisja.

Waslet is-sena 1897, is-sena li matulha saru diversi xogħlijiet ta' prestiġju fil-Knisja, u l-istess sena meta l-Kalkara ġiet iddikjarata bħala Parroċċa indipendenti. Matul

Jannar tkompla x-xogħol ta' tibjid fil-Knisja u fi Frar tal-istess sena saret xi skultura fil-post fejn aktar tard matul iż-żmien kellha tinbena l-koppla, xi ħaġa li sfortunatament qatt ma seħħet. Xi skultura oħra fil-Knisja bdiet issir minn ċertu wieħed Michele, skultura sabiħa li ddekorat lil din il-Knisja b'mod raffinat u mill-isbaħ. F'Marzu 1897 bdew jintramaw it-twieqi kollha, tkompliet l-iskultura sekondarja tal-Knisja u dekorazzjonijiet oħra, u nxtara xi injam mingħand G. Fortunato Vella. Fit-18 t'April ġew trasportati xi kwadri mill-Belt Valletta, filwaqt li fl-24 t'April 1897 tħallas l-iskultur tal-artal ta' Pompeii, jew kif inhu aktar magħruf, l-artal tar-Rużarju. L-iskultura saret minn ċertu wieħed Salvatore, ħasra li ma nafux kunjomu. Huwa indikat li dan l-istess skultur għamel diversi xogħlijiet oħra f'din il-Knisja, fejn f'Mejju lesta l-iskultura kollha tat-titular, żewġ prospettivi, żewġ ornati u 36 kapitell għall-kolonni li jdawru l-Knisja kollha.

Sadanittant, lejn l-aħħar t'April ġie trasportat pedestall lejn Bormla biex isir xi xogħol ta' skultura fuqu minn Abram Gatt. Il-bażi tal-artal maġġur u l-paviment tas-sagrestija saru mid-ditta Taljana Moschetti u ġew iqumu iżjed minn £20. Fit-8 ta' Mejju ġew trasportati xi kwadri żgħar, filwaqt li fil-15 ta' Mejju bdiet l-invjatura tal-faċċata kollha tal-Knisja.

L-imħabba lejn il-Patrijarka San Ġużepp li kienet tnisslet fil-qalb tal-Kalkariżi sa mill-bidu ta' dan il-proġett, speċjalment bil-ħidma sfieqa ta' Dun Ġużepp Azzopardi, wasslet biex tinxtara l-ewwel vara ta' dan il-qaddis, li barra li ġie dikjarat Patrun ta' din il-Knisja, aktar tard kien se jiġi dikjarat bħala Patrun tal-Parroċċa l-ġdida. Din l-istatwa saret mill-istatwarju Etienne Puccini ġewwa Toulouse fi Franza. L-istatwa tat-terrakotta tiffigura lil San Ġużepp qed iżomm il-Bambin f'idejh. Hija ġiet ordnata minn Dun Ġużepp stess, u kienet dekorata bl-aktar mod rikk, tant li s-somma mħallsa kienet ta' 400 Frank Franċiż.

Għalkemm baqgħet għaddejja l-iskultura fuq ġewwa minn Michele, skultur ieħor, ċertu Michelino, beda xogħol ta' lavur fuq barra matul ix-xahar ta' Lulju. Fl-20 t'Ottubru 1897 inxtrat il-bieba tat-Tabernaklu u l-iskultur Salvatore lesta l-iskultura tal-prospettiva tal-artal ta' San Filippu. Fl-istess żmien inxtraw xi karti tal-glorja, ħames pjaneti u pittura oħra impittra minn Abela.

F'Novembru 1897, il-Kanonku Primiċerju Dun Ġużepp Azzopardi kompla jieħu ħsieb li jarma din il-Knisja għoddha lesta b'dak kollu meħtieġ għar-riti sagri, funzjonijiet liturġiċi u ċelebrazzjonijiet oħra. Għaldaqstant, fl-10 ta' Novembru nxtraw żewġ pjaneti oħra u pivjal. Inxtara wkoll xi materjal ieħor biex ikompli jsebbaħ dan it-tempju l-ġdid, fosthom brokkat u gallun tad-deheb. L-iskultura kienet miexja b'ritmu mgħaġġel tant li fis-16 ta' Novembru tlestiet l-iskultura kollha fuq iż-żewġ artali tal-kappelluni, jiġifieri dak tal-Kunċizzjoni u dak ta' Pompeii. Tlestew ukoll l-ornamenti fis-saqaf u madwar il-koppla mill-istess skultur Salvatore.

Wasal il-jum tal-10 ta' Diċembru 1897, fejn il-Kalkara b'digriet ta' Mons. Isqof Pietru Pace saret Parroċċa awtonoma, u b'hekk tinqata' għal dejjem mill-matriċi tagħha, jiġifieri l-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu. Minħabba f'hekk, matul ix-xahar ta' Diċembru, il-Kalkara bdiet il-ħajja parrokkjali tagħha. Għalhekk insibu li l-ewwel tarbija li ġiet mgħammda kien jisimha Ġużeppa Attard li twieldet fit-13 ta' Diċembru minn Ġużeppi u Karmena Attard. Ġużeppa ġiet mgħammda fil-15 ta' Diċembru 1897 minn Dun Ġużepp Azzopardi li sa dak iż-żmien kien inħatar bħala Vigarju Kurat.

Madankollu, l-ewwel Kalkariż li miet f'dan il-perjodu, Ġwanni Azzopardi ta' 78 sena, ma sarlux funeral il-Kalkara, iżda sar nhar it-13 ta' Diċembru 1897 fil-Knisja ta' San Lawrenz ġewwa l-Birgu. Kellha tkun Funny Justison ta' 42 sena li jkollha l-ewwel funeral li ġie ċċelebrat fil-Kalkara. Justison, ta' 42 sena, ġiet midfuna fil-15 ta' Diċembru 1897.

Tajjeb li jingħad li s-sagramenti u l-quddies fil-Kalkara kien għadu ma bediex isir fil-Knisja l-ġdida għaliex matul dan iż-żmien, kienet għadha tintuża l-Kappella tas-Salvatur,



L-ewwel Knisja Parrokkjali armata għall-okkażjoni ta' waħda mill-ewwel festi li saru. Tidher ukoll l-ewwel statwa titulari.

li xi dokumenti jagħtuna ħjiel li qabel mal-Kalkara saret Parroċċa, din kienet isservi ta' viċi-parroċċa sa mill-bidu tas-seklu 19.

Ċertament li issa li l-Kalkara kienet għadha kif saret Parroċċa, il-Kalkariżi tħeġġew iżjed biex il-Knisja l-ġdida tkun lesta u mgħammra b'dawk l-affarijiet l-iżjed essenzjali u importanti. Għalhekk, is-sena 1898 tista' titqies bħala s-sena li fiha sar progress kbir fejn jidħlu l-opri meħtieġa u artistiċi ta' din il-Knisja. Minħabba li kien għadu kif sar l-istandard tal-Vjatku, inxtrat frenza u fjokk għall-istess standard. Fl-istess żmien, saret bandiera żgħira għad-Duttrina, u nxtraw xi gandlieri u salib, liema gandlieri ġew trasportati mill-Belt Valletta. Issa li l-vara ta' San Ġużepp kienet waslet, u l-pedistall kien lest mingħand l-iskultur

Abram Gatt, dan il-pedistall ġie indurat filwaqt li sett ta' 13-il gandlier ġew ibbanjati fil-fidda, u b'kollox swew is-somma ta' £21.



Ritratt ieħor tal-ewwel Knisja Parrokkjali minn ġewwa waqt quddiesa ta' tieġ.

Sabiex tkompli tiġi armata l-Knisja, inxtrat tila għall-fodera tat-tużell ta' kuljum, u oħra għall-fodera tal-baldakkin. Fl-istess ħin, saru sett forċini għal matul il-purċissjoni ta' San Ġużepp. Ċertu wieħed Fortunato ħiet it-tużell tal-festa u anki baldakkin, filwaqt li ġiet irranġata kamra fuq is-sagristija sabiex fiha jintrefgħu xi affarijiet. Ix-xogħol fuq opri ġodda baqa' għaddej b'ritmu qawwi, u għalhekk inxtara xi injam mingħand Cilia La Corte u saru xi xogħlijiet żgħar għand mastrudaxxa.

Sadanittant, inħadmu wkoll bradella u bankun tal-kewba intarsjata għal taħt l-istatwa l-ġdida ta' San Ġużepp, u wara li x-xogħol kollu tlesta, dawn ġew trasportati lejn il-Kalkara. Ħasra li m'għandniex iżjed informazzjoni dwar min ħadem dawn l-opri. Inxtraw ukoll diversi affarijiet oħra, fosthom vetrina għas-sagristija, tnax-il salib għall-konsagrazzjoni tal-Knisja, seba' gandlieri żgħar, arloġġ u fodera għall-kappi. Sar xi xogħol ieħor fuq xi injam għand Giuseppe Gonzi, li jiġi missier l-Arċisqof Mikiel Gonzi, mastrudaxxa prim. Matul is-sena 1898 inxtara wkoll il-fonti tal-magħmudija magħmul mill-irħam, u kuċċarun tal-fidda li jintuża fl-istess magħmudijiet. Barra minn hekk, ġew arġentati żewġ lampieri tar-ramm u nxtraw diversi tili oħra għal xi foderi. Interessanti li nxtraw ukoll diversi tubi tal-ħadid mingħand ċertu wieħed Micallef Bugeia, liema tubi ġew użati bejn Ottubru u Novembru tal-istess sena, meta tqabbad ċertu wieħed Paolo Gafà u l-ħaddiema tiegħu sabiex jagħmlu kanal madwar il-Knisja.

Kienet matul din is-sena wkoll li waslet l-ewwel qanpiena f'din il-Knisja l-ġdida. Il-qanpiena, xogħol Ġulju Cauchi, u li tiżen 14-il kwintal u 24 ratal, swiet £118-13.4. Madanakollu, il-poplu tal-Kalkara tant kien ħerqan għal din il-qanpiena li kkontribwixxa £70 fi ġbir li sar apposta. Barra minn hekk, inxtara l-ewwel relikwarju għal din il-Parroċċa li ġie jiswa' £18, fejn nofshom ġew imħallsa minn benefattur.

Iżda barra minn dawn l-opri, saru opri oħra li jikkonsistu fi kwadri ta' pittura. L-iktar importanti fosthom huwa ċertament il-kwadru titulari ta' San Ġużepp, li tpitter minn Ġużeppi Calì. Minbarra dan il-kwadru, matul is-sena 1898 tpitter ukoll il-kwadru tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kappellun, kif ukoll tal-Lunzjata u ta' San Pietru, it-tlieta li huma mpittrin mill-pittur Taljan Pietro Venuti.

Matul is-sena 1898 kien imiss li jinxtraw l-artali tal-Knisja. Għaldaqstant, fit-22 ta' Diċembru ġie mħallas il-marmista Mariano Russo, li kien ħadem l-artal maġġur u li sewa £81-10. Dan l-artal, mimli b'figuri u xeni ta' Kristu u anġli fl-irħam, kien magħmul minn irħam rikk u kulurit. Saru wkoll iż-żewġ artali tal-kappelluni (Lit. 400), dak ta' San Filep (Lit. 275), tal-Erwieħ tal-Purgatorju (Lit. 275) u l-presbiterju (Lit. 1000). Dawn tal-aħħar kollha kienu nġiebu mill-Italja.

Bl-istess metodu nġiebu diversi affarijiet oħra tal-fidda. Bosta oġġetti ġew impurtati mingħand id-ditta Gio. & P. G. Fratelli Bertarelli, li kellhom is-sede tagħhom ġewwa Milan, l-Italja. Fost l-affarijiet li huma mniżżla fil-kont tagħhom insibu ġilju tal-fidda (li beda jintrama' mal-vara ta' San Ġużepp), żewġ għotien tal-fidda, umbrella tal-vjatku rrakmata, lampier, bieba żgħira tat-tabernaklu, salib u tużell żgħir arġentat. Anki għal dawn l-ispejjeż saru xi kontribuzzjonijiet liberi minn xi parruċċani.



Il-Knisja Parrokkjali l-antika armata bl-aktar mod dinjituż għall-festa ta' Corpus.

Aċċessorji u opri oħra saru mingħand id-ditta Taljana Alessandro De Signi. Fost dawn l-aċċessorji nsibu pivjal u tuniċelli, brokkat fjurit għat-tużell, satin fjurit, frenza, pjaneti, damask għall-ventartali u kappi, brukkat għal baldakkin, u opra oħra importanti ferm li hija ventartal rikk. Dan il-ventartal huwa dak li kien jintrama' mal-artal maġġur li fil-parti ċentrali tiegħu jiffigura ħaruf, kollox irrakkmat bid-deheb.

Dan kollu sar bejn is-sena 1898 u s-sena 1900. Matul dan il-perjodu, ġiet indurata l-istatwa ta' San Ġużepp għand l-induratur Giorgio Schembri. Sar ukoll xi xogħol ieħor ta' bini ta' kamra oħra fuq is-sagristija, saret purtiera għall-bieb maġġur tal-Knisja, filwaqt li ġie meħjut l-istandard l-abjad tal-Fratellanza ta' San Ġużepp għand ċertu wieħed Vassallo. Id-disinn ta' dan l-istandard kif ukoll tal-kruċetta tiegħu saru mid-disinjatur Decelis.

Fis-sena 1902 ġie mżanżan il-lampier prinċipali tal-Knisja, magħmul bi tliet anġi, filwaqt li Giuseppe Gonzi ħadem il-ġilandra li tintuża fil-festa' ta' Corpus Christi. Din il-ġilandra għandha skultura mill-ifjen, u kienet ġiet indurata bid-deheb.

Dan kollu wassal biex fi ftit snin din il-Knisja kienet tlestiet u mgħammra b'dak kollu meħtieġ għal-liturġija. Madankollu, ta' min wieħed isemmi wkoll sforz li kien sar ftit tas-snin wara sabiex din l-istess Knisja tiġi mkabbra.

Il-Kaptan Nicola Azzopardi b'testament tiegħu tal-15 ta' Settembru 1914 ħalla lill-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara s-somma ta' £1000 għat-tkabbir tagħha, sabiex b'hekk jiġu mibnija żewġ navati laterali. Wara talba magħmulha minn ħu u oħt l-istess Kaptan Nicola, is-Santa Sede għarfitilhom id-dritt għas-somma ta' £100, u wara talba analoga magħmulha mit-tfal ta' oħt oħra mejta tal-istess Kaptan, l-istess Santa Sede għarfet lilhom id-dritt ta' £25. B'hekk, mis-somma totali tal-legat kien baqa' £875. Barra minn hekk, wara sentenza mgħotija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fis-27 t'Awissu 1917, il-Knisja ġiet obbligata li tħallas lill-werrieta tal-Kaptan Azzopardi s-somma ta' £161 minħabba l-ass ereditat mill-Kaptan Nicola bħala werriet ta' ħuħ, il-Kanċillier Primiċerju Dun Ġużepp Azzopardi li miet fid-9 ta' Settembru 1913. Din is-somma kienet ġiet reklamata mill-eżekutur tat-testment tal-Kaptan Nicola, l-Avukat E. Amato, bħala differenza bejn id-dħul u l-ħruġ magħmulin fl-okkażjoni tal-bini tal-Knisja Parrokkjali tal-Kalkara.

Minbarra dan, l-imsemmi Avukat E. Amato kien talab is-somma ta' £482-15.6 4/12, imma wara verifika tal-kontijiet magħmula mill-Qorti Ċivili, u wara talba tal-Prokuratur, is-saċerdot Profs. Mikiel Gonzi, din is-somma niżlet għal £161. L-istess somma reġgħet ġiet imnaqqsa b'£4 oħra, b'mod amikevoli, wara li l-istess Prokuratur sab fil-kontijiet preżentati mill-Avukat E. Amato żball ieħor favur il-Knisja. B'hekk is-somma ta' £157 reġgħet ġiet imnaqqsa mil-legat oriġinali ta' £1000 biex b'hekk baqa' s-somma ta' £718 favur il-Knisja.

Din is-somma ta' £718 ġiet iġġudikata mill-arkitetti bħala mhux biż-żejjed għat-tkabbir mixtieq, u peress li l-Knisja kellha £1189-15.9 ta' dejn il-*Cassa delle Pie Amministrazioni*, il-Kappillan Dun Ġużepp Ciangura u l-Prokuratur Dun Mikiel Gonzi, talbu lis-Santa Sede biex din is-somma tiġi użata fl-ammortizzament ta' parti mid-dejn. B'reskritt tat-8 ta' Jannar 1918, is-Santa Sede laqgħet it-talba. Dan ir-reskritt ġie mħaddem mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta fil-31 tal-istess xahar. Fil-5 ta' Ġunju 1919, Dr. E. Amato, fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon, ta lis-Sur G. Doublesin, li ġie mqabbad mill-Isqof, u wara rikors tal-istess nutar, is-somma ta' £658. Din is-somma ġiet użata fl-ammortizzament ta' dawn il-kapitali u wkoll fil-ħlas ta' interessi li riedu jingħatawlhom.

Ċertament li kieku l-gwerra kiefra ma qerditx din il-Knisja, kieku llum qegħdin ingawdu mhux biss ġojjell arkitettoniku, iżda bosta opri ta' valur kbir li kollha ntilfu bil-bombi tal-għadu. Illum qegħdin ingawdu tempju ieħor, li għalkemm ikbar fid-daqs, huwa ġojjel ieħor arkitettoniku u anki mimli b'opri mill-isbaħ. Nibżgħu għalih!

## Referenzi


Suppliche 1884, A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili)
Rendito Beneficiale del S.S. Salvatore Calcara, A(rkivju) P(arrokkjali) K(alkara)
Libro Esito (1914-1959), APK
Libro Introito (1914-1959), APK
Citaz. No. 74-1916, APK
Doc. D, APK
Doc. E, APK
Veneranda Lampade Introiti, APK
Veneranda Lampada Esiti, APK
Amministrazione Chiesa Erigenda, APK
"L-Iżvilupp Storiku tal-Parroċċa tal-Kalkara", Duncan Brincat, f'Wirja Patrimonju Sagru, 2000